DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/1235

tat-12 ta' Lulju 2022

li tikkonċerna t-tiġdid tal-Ftehim dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 186, flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a)(v), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Permezz tad-Deċiżjoni 2005/781/KE ([1]), il-Kunsill approva l-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil ([2]) ("il-Ftehim").

(2) F'konformità mal-Artikolu XII tal-Ftehim, il-Ftehim daħal fis-seħħ fid-data meta ż-żewġ Partijiet kienu nnotifikaw lil xulxin bil-miktub li kienu tlestew il-proċeduri interni rispettivi tagħhom meħtieġa biex il-Ftehim jidħol fis-seħħ, jiġifieri s-7 ta' Awwissu 2007. Il-Ftehim kien validu għal perjodu inizjali ta' ħames snin u jista' jiġġedded bi ftehim bejn il-Partijiet wara evalwazzjoni li ssir fis-sena ta' qabel l-aħħar sena ta' kull perjodu suċċessiv ta' tiġdid tal-Ftehim.

(3) Il-Kunsill approva t-tiġdid tal-Ftehim għal perjodu addizzjonali ta' ħames snin darbtejn, permezz tad-Deċiżjonijiet 2012/646/UE ([3]) u (UE) 2018/343 ([4]).

(4) L-iskambju ta' ittri bejn il-Partijiet, bid-dati tal-11 ta' Mejju 2021 u l-24 ta' Mejju 2021 ikkonferma l-interess tagħhom li jġeddu l-Ftehim għal ħames snin oħra.

(5) Jenħtieġ li t-tiġdid tal-Ftehim jiġi approvat f'isem l-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

It-tiġdid tal-Ftehim dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil, għal perjodu addizzjonali ta' ħames snin, huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/781/KE tas-6 ta' Ġunju 2005 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil (ĠU L 295, 11.11.2005, p. 37).

([2]) ĠU L 295, 11.11.2005, p. 38.

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/646/UE tal-10 ta' Ottubru 2012 li tikkonċerna t-tiġdid tal-Ftehim dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil (ĠU L 287, 18.10.2012, p. 4).

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/343 tal-5 ta' Marzu 2018 li tikkonċerna t-tiġdid tal-Ftehim dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil (ĠU L 67, 9.3.2018, p. 1).

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jinnomina l-persuna jew persuni bis-setgħa li jinnotifikaw lill-Gvern tar-Repubblika Federattiva tal-Brażil, f'isem l-Unjoni, li l-Unjoni lestiet il-proċeduri interni tagħha meħtieġa għat-tiġdid tal-Ftehim f'konformità mal-Artikolu XII(2) tal-Ftehim.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Lulju 2022.

Għall-Kunsill
Il-President
Z. STANJURA